KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 70

**It-Tnejn 25 ta' Marzu 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 70.1 Qari tal-Apoloġiji

70.1.1 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Dr Daniel Attard kien informa li ma setax jattendi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

70.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

70.2.2 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni li f'para 69.3.3, kien hu li għamel is-suġġeriment u mhux is-Sindku u għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li jinbidlu l-kliem 'is-Sindku' ma' 'il-Kunsillier Fenech' biex is-sentenza tiġi taqra 'Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li kif se jkun hemm it-telgħa magħluqa għat-traffiku, is-SE għandha tagħmel talba lill-IM biex jirranġaw il-ħajt li jidher qed jimbeżaq 'il barra.

70.2.3 Il-minuti tas-seduti numru 69 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 70.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

70.3.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu ma' rappreżentanti ta' IM u l-kuntrattur tagħhom dwar ir-rikostruzzjoni tal-parkeġġ taż-żona ta' l-eks *married quarters* u l-parkeġġ ta' bejn Binja Qlejgħa u Triq il-Maqdes Ruman. Is-Sindku informa li kien għamel talba u arranġament mal-Enemalta biex jitwaħħal dawl ġdid f'dan il-parkeġġ. Kemm ir-rappreżentanti ta' IM kif ukoll il-kuntrattur kienu infurmawna li qabel jinbeda x-xogħol kienu se jagħmlu kommunikazzjoni mal-uffiċċju tal-Kunsill biex wieħed jilħaq jinforma lir-residenti. Is-Sindku informa li fir-rigward tal-parkeġġ ta' Binja Qlejgħa, il-parti tal-parkeġġ komuni kienet se tingħata l-konkos u għaldaqstant ma tkunx tista' tintuża imma l-parti tan-naħa tal-garaxxijiet kienet se tingħata t-tarmak u għaldaqstant kienet se tkun aċċessibbli aktar malajr. Fir-rigward tal-eks Married Quarters, kienet se ssir bankina żgħira man-naħa tad-djar u min-naħa l-oħra l-bankina kienet se tidjieq ftit biex possibbilment ikun hemm parkeġġ doppju fin-nofs. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li s-SE għandha titlob pjanta lill-Perit.

70.3.2 Is-Sindku informa li kien kellmu s-Segretarju Parlamentari responsabbli mix-Xogħlijiet Pubbliċi dwar il-proġett tal-pjazza u kien infurmah li x-xogħol kien appikk li jibda. Huwa informa li l-kuntrattur kien qed jagħżel il-porfido li se jintuża għal dan il-proġett. Skont ma ġejna infurmati, se jkun hemm aċċess għal kulħadd matul ix-xogħlijiet. Is-Sindku informa wkoll li kienet se tinżamm laqgħa għall-komunità kummerċjali kollha. Skont informazzjoni li twasslet lill-Kunsill, il-proġett għandu jieħu madwar sena xogħol.

70.3.3 Is-Sindku għamel kommunikazzjoni mad-Depiro biex fejn qed jintuża mill-Imtarfa FC, dan jibqa' kif inhu. Min-naħa tagħhom, dawn kienu aċċettaw għalkemm legalment iż-żona kienet taqa' fil-parti mikrija lilhom.

70.3.4 Is-Sindku informa li dak kollu li kien tpoġġa fuq il-manifest elettorali se jkun twettaq jew inbeda.

70.3.5 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-VC, l-għada s-SE kienet se ddaħħal l-applikazzjoni għad-dawl u l-ilma wara li waslet id-dokumentazzjoni neċessarja mill-Awtorità tal-Artijiet.

70.3.6 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu se jiltaqgħu ma' rappreżentanti tal-MTA dwar aktar turiżmu fl-Imtarfa.

70.3.7 Il-Foundation for Tourism Development kienet għaddiet 4 bankijiet ġodda lill-Kunsill sabiex jintużaw fiż-żona tal-*ex married quarters* wara li jitlesta l-proġett.

70.3.8 Is-Sindku informa li għandha ssir laqgħa mal-Maniġer responsabbli mill-iskart dwar il-ħlasijiet pendenti li għandu l-Kunsill.

## 70.4 Approvazzjoni tal-Business Plan 2024 – 2028

70.4.1 L-Accountant tal-Kunsill daħlet onlajn sabiex tagħti spjega ħafifa dwar il-*business plan* (kopja mehmuża) għall-ħames snin li ġejjin. Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li huwa importanti ħafna li l-indikatur se jibqa' pożittiv (17%). Hawnhekk hija qalet ukoll li meta nħadem il-business plan, sar bl-idea li l-proġett tal-foresta tal-frott ikun kopert 100%.

70.4.2 L-accountant infurmat ukoll li l-awditura waslet fl-aħħar tal-audit u għaldaqstant sal-laqgħa li jmiss ikollna wkoll l-*audited Financial Statements* u l-aġġustamenti rrakkomandati minnha biex jiġu approvati.

70.4.3 Hija infurmat li qed tistenna li l-indikatur finanzjarju se jkun qed imur għall-aħjar għalkemm il-P&L account għandu jibqa' l-istess. Dan kollu iżda se jiġi ddeterminat wara li jinħoloq ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart.

70.4.4 Il-Kunsill qabel mal-*business plan* u dan ġie ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

## 70.5 Aġġudikazzjoni tal-offerta tal-Manutenzjoni tas-*Soft Areas*

70.5.1 Is-SE infurmat li l-bord kien għadu għaddej bl-evalwazzjoni tal-aħħar offerent. Kienet intbagħatet talba għal kjarifika u l-Kunsill għadu qed jistenna r-risposta għaliha.

70.5.2 Sadanittant iżda kien hemm qbil li kemm-il darba l-operatur li huwa ċ-*cheapest compliant* jibgħat konferma fil-pożittiv għall-kjarifika li ntalbet, il-Kunsill kien qed jagħti d-dritta lis-SE sabiex tinforma lill-bord tal-evalwazzjoni biex tmexxi bih.

## 70.6 Aġġornament dwar it-tindif fil-lokalità

70.6.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu mad-DG u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mt-tindif u kien hemm qbil li mill-1 ta' Marzu jinbeda s-servizz ta' persuna bl-isweeper. Is-Sindku informa li dan kien beda jitħaddem iżda sal-ġurnata kien għad hemm problemi bit-tbattil tal-laned tal-iskart u tal-klieb.

70.6.2 Is-SE infurmat li kienet qed tgħaddi r-ritratti tal-laned tal-iskart u tad-*doggie bins* lil Clean Malta kważi kuljum biex tinfurmahom dwar liema kienu baqgħu ma tnaddfux. Hija kienet għamlet diversi talbiet biex jintbagħat xi ħadd responsabbli biex jiddawwar mal-lokalità u jintwera fejn huma l-bins kollha li għandna.

70.6.3 Hawnhekk is-Sindku informa li hemm problema kbira bir-ranep tal-karozzi ta' Triq Alessi għaliex min kien qed jużahom kien qed iħalli ż-żejt u skart ieħor fil-madwar u għaldaqstant issuġġerixxa li npoġġu blokka tal-konkos quddiemhom biex ħadd ma jkompli jabbużahom. Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib kwotazzjoni għalihom. Sadanittant se nieħdu ħsieb li jitnaddfu u titpoġġa tabella.

70.6.4 Hawnhekk issemmiet ukoll ir-rieħa li qed iħallu l-iscammels li qed jiġu pparkjati fi Triq Alessi b'mod speċjali għaliex is-sid kien qed jaħsel it-trakkijiet tal-iskart hemmhekk. Kien hemm qbil li għandu jiġbidlu l-attenzjoni s-Sindku.

## 70.7 Punti Oħra

70.7.1 Is-SE infurmat li l-Council Assistant li kellha tibda daqs ġimgħatejn oħra infurmatha li kienet biddlet il-ħsieb minħabba impenn fil-familja. Għaldaqstant kienet infurmat lid-DLG u lill-Jobsplus u kompliet bil-proċess. Bħalissa kienet qed tirċievi l-*emails* biex timtela din il-vakanza.

70.7.2 Is-SE infurmat li kellha talba mingħand residenta li toqgħod f'Binja Santa Luċija li talbet biex tibda tieħu ħsieb *planter* li hemm biswit ir-residenza tagħha. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li din hija art pubblika u għaldaqstant il-Kunsill Lokali m'għandu ebda dritta li jgħaddi l-użu tagħha lil terzi. Is-SE għandha tinfurmaha b'dan kollu.

70.7.3 Hawnhekk is-Sindku fakkar lis-SE biex tintbagħat ittra lil min kien kellu ftehim mal-Kunsill dwar il-ġnejna fi Triq in-Narċis k/m Triq it-Torri tal-Arloġġ u li tħalliet mitluqa, biex il-Kunsill jerġa' jeħodha lura mill-aktar fis possibbli u jibda jieħu ħsiebha.

70.7.4 Is-SE infurmat li kellha laqgħa ma' żviluppatur li kien se jwaqqa' binja u jtella' oħra minflokha fi Triq l-Imtarfa. Hija infurmat li huwa kien qed jitlob li jpoġġi t-tower crane f'nofs Pjazza Palma u meta jkollu bżonn iġib xi trakkijiet jew makkinarju ieħor, jagħmel permessi għall-użu tal-parkeġġi. Is-SE infurmat li skont il-liġi, tpoġġija ta' tower crane fuq spazju pubbliku tirrikjedi permess ta' €15 kuljum jew kull parti minnu. Dan it-tower crane kien se jkun fil-post għal madwar 9 xhur. Kien hemm qbil li fiċ-ċirkustanzi kien aħjar li jittieħdu ż-żewġ parkeġġi fin-nofs għat-*tower crane* minflok ikun hemm krejn fin-nofs quddiem ir-residenza għaliex kien se jaqla' aktar skariġġ lit-traffiku li jkun ħiereġ. Kien hemm qbil ukoll li dan il-kuntrattur għandu jibda jħallas il-permessi kollha neċessarji, kemm għat-tower crane kif ukoll għall-permessi għall-bżonnijiet tal-ġurnata.

70.7.5 Is-SE infurmat li kienet se ssir kompetizzjoni flimkien mal-Kunsill ta' Pumpherston fejn se jitqassmu *envelopes* biż-żerriegħa tas-*sunflowers* u fis-sajf se jkunu qed jitkejlu u naraw min jirnexxielu jkabbar l-itwal waħda.

70.7.6 Is-SE infurmat li s-Surġent tal-Pulizija tal-Komunità kienet talbitha li jitwaħħlu tabelli ta' limitu ta' veloċità fit-toroq prinċipali sabiex ikunu jistgħu jsiru testijiet bl-i*speed gun* minħabba lmenti dwar *overspeeding* f'ċertu toroq. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex jitwaħħlu tabelli ta' 30 km/hr.

70.7.7 Is-Sindku informa li jista' jkun li l-Kunsill jiġi mitlub biex jagħmel parkeġġ għall-ispettur tar-Rabat għax se jiġi rilokat għall-Imtarfa.

70.7.8 Il-Kunsillier Fenech staqsa x'kien ġara dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill li jiġu installati xi bollards oranġjo fi Triq l-Imtarfa quddiem taż-żebgħa. Is-SE infurmat li kienet se tiċċekkja dwarha imma fiż-żgur kien hemm kommunikazzjoni li barriers ma jistgħux jitwaħħlu f'dak il-punt. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lil TM xorta waħda.

70.7.9 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li ssir bollard oranġjo oħra aktar 'l isfel mit-tnejn li twaħħlu diġà fuq nett ta' Triq l-Istazzjon. Is-SE infurmat li kienet se tara kemm tkun komda li wieħed idur b'mod komdu u tirraporta lura.

70.7.10 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li għandha tintbagħat talba lil IM biex isiru rumble strips fil-kantuniera ta' qabel wieħed jasal lejn l-Imtarfa fuq il-bypass, sakemm ma jkunux viċin tar-resident li joqgħod fil-kantuniera.

70.7.11 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li jinbidlu t-tabelli tan-No Entry fi Triq Antoine Debono minflok li hemm minħabba li ġieli din it-triq qed tiġi abbużata.

70.7.12 Il-Kunsillier Fenech talab li għandu jinqata' l-ħaxix selvaġġ li jkun hemm fil-planters. Is-SE infurmat li hemm policy tal-Gvern Ċentrali li m'għandux jinqata' aktar ħaxix selvaġġ minn issa sa Mejju. Hija qalet li kienet se tindika lill-kuntrattur biex inaddaf il-planters kemm jista' u b'mod speċjali jneħħi dawk li qed joħorġu 'l barra mill-planters infushom u jagħlqu l-passaġġi.

70.7.13 Inġibdet l-attenzjoni tas-SE li hemm resident li għandu bżonn li jkaħħal il-ħajt fuq barra tal-proprjetà tiegħu u għaldaqstant talab li jinżabru l-oleander. Is-SE infurmat li kienet irċeviet diversi talbiet mingħand nies differenti dwar dan u li x-xogħol kien inbeda mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

70.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 03/2024), kopja tagħha mehmuża.

70.8.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 70.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

70.9.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:05pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 22 ta' April fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 22 ta' April 2024.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv